# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 12 ta' Novembru 2017
It-32 Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tat-tnejn u tletin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd turina li l-fidi fil-qawmien ta' Kristu timliena bil-ferħ u tagħtina l-qawwa li nimxu warajH.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Għerf 6, 12-16)

Il-bniedem huwa mistieden biex ma jkunx passiv, iżda li jikber fl-għarfien kontinwament.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 62 (63), 2.3-4.5-6.7-8)

Mulej, Alla tiegħi, ruħi bil-għatx għalik.

**It-Tieni Qari** (1 Tes 4, 13-18)

San Pawl issaħħaħ il-fidi fil-ħajja wara l-mewt.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 25, 1-13)

Ġesù jistedinna sabiex inkunu bnedmin għaqlin li nilqgħu lil Alla f'ħajjitna.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Kristu ġie fid-dinja biex jagħti d-dawl lil dawk li jinsabu fid-dlam, lil dawk li tassew jemmnu fil-qawmien. Min-naħa tiegħu, il-bniedem huma mistieden li jrodd lura dak li jirċievi kontinwament bl-għixien tal-fidi tiegħu.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Alla huwa dak li jagħtina l-ħajja għax kull darba li nirċevuh fit-tqarbin hu jsostnina b'ġismu u b'demmu.

B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.